QORTI CIVILI - PRIM'AWLA

IMHALLEF;

ONOR. DR. GINO CAMILLERI, LL.D.

SEDUTA TAT-23 TA’ MARZU, 2001

Citazzjoni numru 333/01

EURO CHANGE CO. LTD.

-VS-

RAYMOND U FILOMENA KONJUGI BUHAGIAR

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni li biha s-socjeta' attrici wara li ppremettiet:-

Illi fis-6 ta’ Gunju, 2000, il-konvenut Raymond Buhagiar innegozja l-ammont ta’ Dollari Amerikani $60,052 fi flus, liema ammont huwa kellu jgib gimgha wara u bhala garanzija ghal dan kien hareg cheque f’munita Dollari Amerikani ghal dan l-ammont. Dan in-negozju sar bil-miktub fl-ufficju tal-Avukat David Grixti il-Belt Valletta, dan sar ma’ ufficjal tas-socjeta’ attrici li proprju n-negozju taghha huwa tisrif ta’ flus minn muniti barranin ghal dawk Maltin u vici-versa, flimkien ma’ xoghol iehor relatat.

Illi dawn il-flus kontanti qatt ma waslu u s-socjeta' attrici wara li ddiskutiet mal-konvenut ftehmu li kellu jigi depozitat ic-cheque f'munita Dollari Amerikani.

Illi dan ic-cheque f'munita barranija kien datatat 13 ta' Gunju, 2000, gie negozjat mal-APS Bank Ltd. fid-19 ta' Gunju, 2000, biss gie lura fil-21 ta' Lulju, 2000 mill-clearing bankers taghha, ghar-raguni li ma kienx hemm flus bizzejjed fil-kont li minnu inhareg ic-cheque in kwistjoni.

Illi meta gie ritornat lura darbtejn dan ic-cheque is-socjeta' attrici giet debitata l-ispejjez konnessi mat-tisrif u bdil ta' kambju ta' dan ic-cheque li jammontaw ghas-somma komplessiva ta' Elfejn, seba' mija u ghaxar Liri Maltin (Lm2710.00) li ghaliha l-konvenut huwa debitur fil-konfront tas-socjeta' attrici, in virtu tac-cheque fuq imsemmi u ta' hlasijiet amministrattivi relatati mat-tisrif ta' dan ic-cheque.

Illi kull meta kien interpellat permezz tat-telefon biex ihallas il-bilanc dovut lis-socjeta' attrici, il-konvenut Raymond Buhagiar dejjem wiegeb li kien se jhallas minnufih, izda sal-lum hallas biss is-somma ta' Erbatax-il elf Liri Maltin (Lm14,000) u ghalhekk ghad fadal bilanc dovut lis-socjeta' attrici ammontati ghal Tlettax-il Elf, Seba' Mija u Ghaxar Liri Maltin (Lm13,710.00).

Illi d-debitu tal-konvenut fil-konfront tas-socjeta' attrici huwa cert, likwidu u dovut ai termini tal-Artikolu 167 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta, kif inhu konfermat mir-rapprezentant tas-socjeta' attrici fid-dikjarazzjoni annessa, u fil-fehma tas-socjeta' attrici il-konvenuti m'ghandhomx eccezzjonijiet x'jaghtu.

Talbet ghalhekk lill-konvenut jghidu ghaliex, ghar-ragunijiet fuq premessi, m'ghandhiex din l-Onorabbli Qorti;

1. Tiddikjara lill-konvenuti debituri tas-socjeta' attrici fis-somma ta' Lm13710.00;

2. Tikkundanna lill-konvenuti jhallsu s-somnma hekk dikjarata dovuta lis-socjeta' attrici;

3. Tiddeciedi l-kawza bid-dispensa tas-smigh ai termini tal-Artikolu 167 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

Bl-imghax legali u bl-ispejjez kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat l-affidavit tas-socjeta attrici u id-dokumenti l-ohra;

Rat li l-konvenuti debitament notifikati fiz-zmien preskritt mill-ligi baqghu kontumaci u fis-seduta tallum imsejjha tlett darbiet lanqas ma deheru;

Peress li fic-cirkostanzi t-talbiet kif dedotti fic-citazzjoni jidhru gustifikati u jidher wkoll li hemm lok li s-sentenza tinghata illum stess, bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza, skond il-procedura tal-artikolu l67 et sequitur tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili;

Tiddeciedi billi tilqa' it-talbiet tas-socjeta atttrici kif dedaotti fic-citazzjoni, bl-imghaxijiet legali kif mitluba u bl-ispejjes kontra l-konvenuti.

Imhallef

Dep. Registratur